## 12 ta' Frar, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Micallef

### Bejgħ — Rifjut Illegali — Akkwijexxenza

*Il-liġi li tivvjeta lill-bejjiegħ li jirrifjuta jbiegħ bla raġuni tagħha hija ntiża għal skop publiku; u kwindi ma tistgħax titqies raġuni tajba għal dak ir-rifjut il-konvenjenza tal-bejjiegħ stess, li jippreferixxi jagħmel il-bejgħ f'ġurnata pjuttost minn f'ġurnata oħra.*

*Avvolja l-persuna li tkun marret biex tixtri tkun akkwetat ruħha għar-rifjut, ir-reat jibqa'; għax l-akkwijexxenza ta' dik il-persuna ma tistgħax tiswa biex tneħħi dak li l-liġi televa għal reat indipendentement mill-volontà tal-privat. Malli saret ir-rikjesta tal-bejgħ u sar ir-rifjut tal-bejjiegħ, hemm ir-rifjut illegali, jekk ebda raġuni tajba ma tiġi pruvata.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni *kontra* l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'Attard, f'dawn il-ġranet, mingħajr ebda raġuni tajba, irrifjuta li jbiegħ porku lil Mary Pisani, u barra minn dan sawwat lill-istess Mary Pisani u kkaġunalha ferita ta' natura ħafifa u mhux ta' importanza, kif hemm fiċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. F. Dingli, M.D.;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Novembru 1954, li biha sabet l-imputat ħati skond iċ-ċitazzjoni, però, kwantu għall-offiża, skużabbli, u kundannatu għall-piena ta' £3 multa għall-ewwel imputazzjoni, u 10s. ammenda għat-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-imputat, li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi meħlus mill-ewwel imputazzjoni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-ewwel imputazzjoni, li dwarha hemm dan l-appell,

hi fis-sens li l-imputat, bla raġuni tajba, irrifjuta li jbiegħ porku lil Mary Pisani;

Il-fatti huma sempliċi, u ma humiex in kontestazzjoni. Pisani marret f'ġurnata tas-Sibt biex tixtri koxxa tal-porku. L-imputat qalilha biex terġa tmur il-Ħadd, l-għada, għax il-laħam tal-porku joħroġ l-għada. Pisani ma tkelmet xejn, u ħarġet il-barra;

Din hi liġi ntiża għal skop ta' ordni publiku, u kwindi ma titqiesx raġuni tajba l-konvenjenza tal-bejjiegħ, li jippreferixxi joħroġ il-laħam tal-porku f'ġurnata pjuttost minn f'ġurnata oħra. Hu veru li Pisani akkwetat ruħha; iżda l-akkwijexxenza tagħha ma tistgħax tiswa biex tneħħi dak li l-liġi televa għal reat indipendentement mill-volontà talprivat. Malli Pisani għamlet, kif għamlet, ir-rikjesta għallporku, u malli l-imputat ma tahiex, kien hemm ir-rifjut illegali, ġa ladarba ebda raġuni tajba ma ġiet pruvata;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Żmien għall-ħlas tal-piena sitt ijiem mil-lum.